

31996R2067

30.10.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 277/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2067/96****tad-29 ta' Ottubru 1996****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1000/96 rigward ċerti standards ta' marketing rigward laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards ta' *marketing* ta' laħam tat-tjur <sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3204/93 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(3) miġjub fih,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 tal-5 ta' Ġunju 1991, li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' *marketing* tat-tjur <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1000/96 <sup>(4)</sup> rigward id-definizzjoni ta' ħasi u l-kriterji rilevanti ta' produzzjoni; billi huwa meħtieġ li jiġi pprovdut perjodu transizzjonali għall-applikazzjoni tad-definizzjoni l-ġdida sabiex jitqiesu l-interessi ta' ċerti produttori matul il-perjodu tal-bejgħ fis-suq ta' l-aħħar tas-sena;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1000/96 jiġi hawnhekk mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 1997."

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ottubru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 289, ta' l-24.11.1993, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 143, tas-7.6.1991, p. 11.

<sup>(4)</sup> ĠU L 134, tal-5.6.1996, p. 9.